



C/2024/919

29.1.2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tas-7 ta' Diċembru 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sąd Rejonowy dla Warszawy – Śródmieścia w Warszawie – il-Polonja) – SM, KM vs mBank S.A.

(Kawża C-140/22 ⁽¹⁾, mBANK (Dikjarazzjoni tal-konsumatur))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Artikolu 6(1) u Artikolu 7(1) – Effetti tal-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola – Kuntratt ta' self ipotekarju indiċjat fuq munita barranija li jinkludi klawżoli inġusti dwar ir-rata tal-kambju – Nullità ta' dan il-kuntratt – Azzjoni għal restituzzjoni – Interessi legali – Terminu ta' preskrizzjoni)

(C/2024/919)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy dla Warszawy – Śródmieścia w Warszawie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SM, KM

Konvenut: mBank S.A.

Fil-preżenza ta': Rzecznik Finansowy

Dispożittiv

L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fil-kuntest tal-annullament sħiħ ta' kuntratt ta' self ipotekarju konkluż ma' konsumatur minn istituzzjoni bankarja, minħabba li dan il-kuntratt ikun jinkludi klawżola inġusta li mingħajrha ma jkunx jista' jibqa' jeżisti:

- huma jipprekludu l-interpretazzjoni ġurisprudenzjali tad-dritt nazżjonali li tgħid li l-eżerċizzju tad-drittijiet li dan il-konsumatur jislet minn din id-direttiva huwa suġġett għall-preżentazzjoni, mill-imsemmi konsumatur, quddiem qorti, ta' dikjarazzjoni li permezz tagħha huwa jafferma, l-ewwel nett, li ma jagħtix il-kunsens tiegħu li din il-klawżola tinżamm, it-tieni nett, li għandu għarfien, minn naħa, tal-fatt li n-nullità tal-imsemmija klawżola timplika l-annullament tal-imsemmi kuntratt kif ukoll, min-naħa l-oħra, tal-konsegwenzi ta' dan l-annullament u, it-tielet nett, li jagħti l-kunsens tiegħu għall-annullament tal-istess kuntratt;
- huma jipprekludu li t-tpaċija mitluba mill-konsumatur ikkonċernat għall-ħlas lura tas-somom li huwa ħallas b'eżekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni titnaqqas bl-ammont ekwivalenti għall-interessi li din l-istituzzjoni bankarja kienet tirċievi li kieku dan il-kuntratt baqa' fis-seħħ.

⁽¹⁾ ĠU C 284, 25.7.2022.